**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prolongazzjoni tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar Ghajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004**

(2012/C 296/02)

Il-Punt 102 tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà [1] jistipula li "Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-Linji Gwida mill-10 ta' Ottubru 2004 sad-9 ta' Ottubru 2009". Fl-2009 il-Kummissjoni estendiet il-validità tal-Linji Gwida sad-9 ta' Ottubru 2012 [2].

Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Mejju 2012 dwar il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tal-UE [3], il-Kummissjoni stabbilixxiet programm ambizzjuż ta' riforma fl-għajnuna mill-Istat. Il-proposti ta' riforma jinkludu l-identifikazzjoni ta' prinċipji komuni għall-valutazzjoni tal-kompatibilità tal-għajnuna mas-suq intern. Id-diversi linji gwida u l-oqfsa se jiġu riveduti u ssimplifikati sabiex isiru konsistenti mal-prinċipji komuni.

Ir-reviżjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà trid titqiegħed fil-kuntest tal-proċess ġenerali tal-modernizzazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Sabiex ma jiġux ippreġudikati r-riżultati tad-diskussjonijiet orizzontali dwar il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tkompli tapplika l-Linji Gwida ta' bħalissa sa dak il-mument li dawn jiġu sostitwiti minn regoli ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà.

(1) ĠU C 244 1.10.2004, p. 2.
(2) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prolongazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar Ghajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi f'Diffikultà, ĠU C 156 9.7.2009, p. 3.
(3) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE (SAM), COM(2012) 209 finali.